SAN GILJAN
# KUMITAT AMMINISTRATTIV
Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 20/KA1/12

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 27/02/'12 20**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 27/02/'12 22**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tnejn 27 ta' Frar 2012.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-10.00a.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Chairperson Richard Scicluna
Il-Membru Joseph Oliva
Il-Membru Mary Grace Scicluna

Is-Sindku Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marisa Micallef.

1.04 Assenti: Il-Membru Carmel Agius

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.06 Iċ-Ċermen Richard Scicluna ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-22 ta' Frar 2012. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Stemma tal-Kumitat Amministrattiv
4. Komunikazzjoni miċ-Chairman
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 19/KA1/12 għall-approvazzjoni u pproponihom.

1.3.02 Il-Membru Joseph Oliva ssekondah.

1.3.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| P83 | Email mingħand it-Transport Malta rigward għeluq ta' Triq Ball. |
| P101 | Email mingħand is-Sur Alan Bonnici rigward garanzija tal-MEPA. |
| P116 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward finanzjament Paceville 2012. |
| 428, P126 & P133 | Talba mingħand Malta Now Ltd sabiex jitpoġġew stands għall-gazzetta Malta Now. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. P83

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand it-Transport Malta rigward għeluq ta' Triq Ball. Ġie deċiż unanimament li l-membri preżenti tal-Kumitat jiltaqgħu *onsite* ma' rappreżentant tat-Transport Malta sabiex tiġi diskussa din il-materja.

Rif. Nru. P101

2.03 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Alan Bonnici rigward garanzija tal-MEPA. Ġie deċiż unanimament li jiġi rrakkomandat li tiġi rilaxxata l-garanzija tal-MEPA.

Rif. Nru. 428, P126 u P133

2.04 Saret riferenza għat-talba mingħand Malta Now Ltd sabiex jitpoġġew *stands* għall-gazzetta Malta Now. Iċ-Ċermen ippropona li l-Kumitat jimxi skont id-deċiżjoni tal-Kunsill Minuti 53/K6/12 datati 16 ta' Frar 2012 taqsima 2 paragrafu 2.03 li tgħid:-

- Il-Kunsill ma jkunx responsabbli għal kwalunkwe ħsarat li jistgħu jiġu kkaġunati lil terzi;
- Ma jkunux ta' periklu għall-pubbliku;
- Jitħalla aċċess fuq il-bankina għall-pubbliku skont kif titlob il-Liġi;
- Jinħarġu il-permessi kollha meħtieġa mill-awtoritajiet kkonċernati;
- Jinħareġ il-permess skont il-Bye-Laws;
- Il-Kunsill iżomm id-dritt li jneħħihom jew iċċaqlaqhom minn fejn ikunu.

2.05 Il-Membru Mary Grace Scicluna għamlet kontra proposta u pproponiet li ssir *stand* waħda biss f'kull triq.

2.06 Il-Membru Joseph Oliva ssekondaha.

2.07 Din il-mozzjoni għaddiet għall-votazzjoni, tnejn vvutaw favur u wieħed kontra.

**3 Stemma tal-Kumitat Amministrattiv**

3.01 Il-Kumitat ġie nfurmat li din il-materja diġa nġibet għall-attenzjoni tiegħu diversi drabi, u dan, permezz tal-

Memo 29/2011, korrispondenza (inc. ref.) P179/11 u f'laqgħa tal-Kumitat b'riferenza Minuti 11b/KA1/11, iżda qatt ma ttieħdet deċiżjoni. Kien iċ-Ċermen li ppreżenta lid-dipartiment b'kopja ta' l-istemma.

Għalhekk il-Kumitat ġie ppreżentat b'kopja ta' l-istemma u b'kopja ta' korrispondenza (inc. ref.) P81/12 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar din il-materja (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Il-Kumitat qabel unanimament li:-

- jiġi sottomess id-disinn ta' l-istemma ffirmat lid-Dipartiment kif mitlub.

- Iċ-Ċermen jipprovdi stima għax-xogħol li sar ta' l-istemma.

**4 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

4.01 Il-Kumitat ma sabx oġġezzjoni li l-Loading/Unloading Bay li hemm fi Triq San Ġorġ fejn kien l-Axis Disco, titressaq ftit l-isfel.

4.02 Il-Membru Joseph Oliva għarraf lill-Kumitat li peress li m'għandux kompjuter u ma jafx jużah ma jistax jeċċessa d-dokumenti li jintbagħtulu. Hu kompla li r-rappeżentant tal-partit politiku tiegħu diġa kiteb lill-awtoritajiet ikkonċernati iżda għad m'għandux risposta.

4.03 Il-Kumitat offrilu li jingħata taħriġ, għas-spejjez tal-Kumitat, u li jista' jagħmel użu mit-tagħmir tal-Kunsill li huwa wkoll dispost għall-Kunsilliera.

4.04 Il-Membru Joseph Oliva m'aċċettax l-offerti.

## 5 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet

5.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni u pproponihom (Ara Appendiċi 'B').

5.02 Il-Membru Mary Grace Scicluna ssekondatu.

5.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

## 6 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 140 sa nru. 143 għall-approvazzjoni u pproponihom (Ara Appendiċi 'C').

6.02 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

6.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

6.04 Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 26 ta' Marzu 2012 fl-10.00a.m.

6.05 Qabel intemmet il-laqgħa s-Sindku Peter Bonello ħass li kellu jiġbed l-attenzjoni tal-membri peress li l-attitudni tagħhom waqt il-laqgħa ma kienetx xierqa minħabba nuqqas ta' ko-operazjoni bejniethom u certi attitudni qed tfixkel l-operat tal-Kumitat Amministrattiv. Hu awgura li din is-sitwazzjoni tinbidel għall-ġid tar-residenti li jirrappreżentaw.

6.06 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fl-12.10p.m.

23/4/12

| | |
|---|---|
| **Richard Scicluna** | **Helen Walker** |
| **Ċermen** | **Segretarju Eżekuttiv** |